MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Numru 619/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**ALFRED SPITERI**
**MARCELINA VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Spiteri ta’ 53 sena, iben Emanuel u Carmela nee’ Mizzi, imwieled Valletta fid-29 ta’ Awwissu 1991, residenti fl-indirizz: “Sayonara,” Triq Gironomo Abios, Iklin u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 651851(M). Marcelina Vella ta’ 52 sena, mart Francis, bint Francis Ernest Simiana u Gertrude nee’ Attard, imwielda Hamrun fl-14 ta’ Mejju, 1952, residenti fl-indirizz: 71 Triq Carini, Santa

Venera u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 459852(M);

Illi huma akkuzati talli fis-26 ta' April 2005, f'Birkirkara u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija; jew xjentement qieghedu fic-cirkostanzi, bieghu jew zammejtu ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe numru hwejjeg b'marki 'Adidas', 'Nike' u 'Diesel' foloz;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil Alfred Spiteri u Marcelina Vella ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol. 2) u dak ta' l-imputati (a fol.12 u fol.13) sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-Pulizija dahlitilha nformazzjoni li minn gol-hanut 'Kelly's', Birkirkara, kienu qed jinbieghu, hwejjeg tal-marka 'Adidas' u 'Nike' li kienu kontrafatti. Li ghaldaqstant l-Ispettur

Cordina kien baghat lil PS 130 u WPC 249 biex jaghmlu tfittxija ghal dawn l-oggetti kontraffati. Il-Pulizija, in fatti, gabru erba' u sittin (64)-il bicca hwejjeg tad-ditti specifici.

L-imputat Alfred Spiteri gie interrogat u rrilaxxa stqarrija li tidher a fol.22. Illi f'din l-istqarrija huwa kkonferma li qatt qabel ma kien biegh hwejjeg tad-ditta bhal dawk li gew elevati; li kien jaf illi hwejjeg tad-ditta kienu jiswew hafna iktar mill-prezz illi kien qed ibieghhom hu; u li dawn l-oggetti kien xtrahom minghand il-ko-imputata Marcelina Vella u fil-fatt ta l-*invoices* ta' minn fejn xtara dawn l-oggetti lill-Ufficjal Prosekutur (ara Dok.JC2 u Dok.JC3 a fol.21) L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa wkoll l-ircevuta ta' l-oggetti elevati u l-oggetti elevati nnifishom (Dok.JC6) li fosthom kien hemm hwejjeg tan-'Nike', 'Diesel' u 'Adidas'. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi l-prezzijiet li jidhru fuq l-*invoices* kienu ndikazzjoni li l-hwejjeg kienu kontrafatti.

Mill-istqarrija ta' Marcelina Vella (Dok.JC5 a fol.24), jirrizulta li kkonfermat l-oggetti indikati fl-*invoices* Dok.JC2 u Dok.JC3, kienu oggetti li hija bieghet lill-ko-imputat u li hija kienet tivvjaggja Thailand darbtejn fis-sena u timporta l-hwejjeg minn hemm. Illi fl-ahhar okkazzjoni kienet impurtat hwejjeg tad-ditta – haga li qatt ma kienet ghamlet qabel – ghax kienu bi prezz tajjeb. Mitluba tghid kemm-il darba ssuspettatx minhabba l-prezz li dawn il-hwejjeg ma kienu originali, tirrispondi:

*"Il-prezz indikali izda jiena bejn li rajthom puliti u bejn li naf li dejjem xtrajt oggetti bl-irhis...ma tantx tajt kont ta' dak li kont qed nixtri."* (ara a fol.24)

Marcelina Vella xehedet li kieku kienet taf li ma setghatx timporta jew tbiegh dawn il-hwejjeg f'Malta, zgur li ma kinitx taghmilha (ara fol.24 u fol.25).

WPC 29 Maruska Debattista kkonfermat illi kien dahal rapport fit-26 ta' April 2005, fuq hwejjeg kontrafatti tal-marka 'Diesel', li kienu qeghdin jinbieghu minn 'Kelly's Boutique' u hi, flimkien ma' PS130 kienu ghamlu tfittxiija f'dan il-boutique u sabu diversi hwejjeg tal-marka 'Diesel',

‘Adidas’ u ‘Nike’. Hija kkonfermat illi l-imputat Alfred Spiteri kien ikkollabora bis-shih maghhom, tahom l-*invoices* minghand min huwa xtara dawn il-hwejjeg u l-hwejjeg inniffishom gew elevati.

John Richards, Principal fl-Industrial Property Registration Directorate, ezebixxa Dok.R1 sa Dok.R12, *trademarks* tal-marka ‘Adidas’, ‘Nike’ u ‘Diesel’.

Il-Qorti nnominat lill-Ispettur John Ellul u l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex iqabblu t-tikketti, emblemi u l-marki fuq il-hwejjeg (cioe l-ezebit JC6) mar-*registered trademarks* (Dok.R1 sa Dok.R12).

PS 130 Ivan Cilia kkonferma x-xhieda ta’ WPC 29 Maruska Debattista. Ikkonferma l-istqarrija Dok.JC4 u l-ircevuta Dok.JC1.

Spettur John Charles Ellul (a fol.61) ikkonferma l-metodu li kien ser jigi adoperat biex isir l-ezami ghall-hwejjeg, allegatament, kontrafatti.

Spettur Joseph Cordina ezebixxa l-ezebit JCZ, JCY, waqt li Christine Sammut Grasso (a fol.70) ezebiet kampjun ta’ *cap* tad-ditta ‘Adidas’ originali u Joe D’Amato kkonsenja l-ezebiti A u A1 t-*shirt* tad-ditta ‘Nike’. Dawn l-ezebiti (hwejjeg tad-ditta originali tad-ditta ‘Adidas’ u ‘Nike’) gew irtirati mill-Ispizjar Mario Mifsud, ghall-analizi tieghu.

Fix-xhieda taghhom, Spettur John Ellul u l-Ispizjar Mario Mifsud, xehedu li bejn it-*trademarks* Dok.R1 sa Dok.R12 u l-ezebiti tad-ditti originali, kien hemm ftit ta’ diskrepanza, fis-sens, li d-disinn tal-beritta ma kinitx l-istess. Ikkonfermaw u ezebew ir-rapport taghhom Dok.MMX fejn ghalkemm jikkonfermaw illi l-hwejjeg tad-ditti originali u dawk suspettati, kienu ta’ disinn differenti, l-hwejjeg illi kienu ndikati bhala suspettati, kellhom *logos*/*labes/*marki distintivi tad-ditta ‘Nike’ u ‘Adidas’ li ma kienux kompatibbli u precizament ma jaqblux ma’ l-ispecifikazzjonijiet indikati lill-esperti bhala originali. Illi ghal rigward tad-ditta ‘Diesel’, ma setghux jghaddu ghall-ebda konkluzjoni minhabba l-fatt li ma rcevewx hwejjeg originali ta’ din id-ditta.

Spettur John Ellul, in kontro ezami, ikkonferma li l-konkluzjonijiet ta’ l-esperti kienu raggunti wara ezamijiet macroskopici, fejn jigu notati differenzi fil-hjatat u l-*allignments* tal-*logos* u kkonferma Dok.MMX

L-imputat Alfred Spiteri xehed illi kien ilu jixtri minghand Marcelina Vella xi hames (5) snin u hija kienet tbieghlu hwejjeg bi prezzijiet tajba hafna u li anke meta xtara *t-shirts* tad-ditti, dawn kien dejjem jixtrihom kontra *invoice* u jhallas il-VAT u kienu jkunu ta’ prezz ragonevoli hafna. Huwa xehed illi, illum il-gurnata, minn fuq l-‘Ebay’, wiehed jista’ jixtri hafna hwejjeg tad-ditti li jkunu bi prezzijiet ragonevoli hafna. Huwa qal illi xtara *t-shirt* tan-‘Nike’ bi prezz ta’ *nine sterling (*£9) u *t-shirt* tan-‘Nike’ tat-tfal bi prezz ta’ *five point fifty sterling* (£5.50). Mitlub jghid kemm-il darba kellux fil-hanut tieghu, hwejjeg tad-ditta ‘Nike’ u ‘Adidas’ qabel id-data meritu ta’ l-akkuza, l-imputat xehed li:

Alfred Spiteri: *“Le kelli nahseb xi drabi ohra”*

Prosekuzzjoni: *“Minn fejn xtrajthom ta’ qabel?”*

Alfred Spiteri: *“The same thing.”*

Prosekuzzjoni: *“Minghand l-istess sinjura?”*

Alfred Spiteri: *“The same iva.”* (ara xhieda a fol.115 u fol.116)

L-imputat Alfred Spiteri kkonferma ,bil-gurament, l-istqarrija li huwa rrilaxxa u rega kkonferma li kienet l-ewwel darba li xtara minghand il-ko-imputata Marcelina Vella. Ghal rigward ta’, l-allegat, prezzijiet baxxi hafna tal-hwejjeg tad-ditta minn fuq l-‘Ebay’ u fuq mistoqsija specifika ta’ din il-Qorti, l-imputat ammetta li l-prezz “baxx” illi huwa xehed dwaru quddiem il-Qorti, kien sempliciment “The first bid” fuq l-‘Ebay’ u mhux “the closing bid”.

Dr. Richard Galea Debono, xehed illi mill-esperjenza tieghu, California USA, il-prezzijiet ta' *running shoes 'Scetchers'* kien xtrah *fifteen dollars* ($15), meta dawn kienu qed jinbieghu hamsa u tletin Lira Maltin (Lm35).

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti, din il-Qorti, ma ghandha ebda dubbju li l-hwejjeg elevati minn 'Kelly's Butique', l-ezebit JC6 – ghajr ghall-hwejjeg tad-ditta 'Diesel', huma hwejjeg kontrafatti. Dana jirrizulta, mhux biss mir-rapport kongunt ta' l-Ispettur John Ellul u l-Ispizjar Mario Mifsud, izda jista' jigi konstatat, prattikament minn persuna ordinarju, mir-ritratti tal-*magnification* tal-*logos* u emblemi tad-ditti koncernati li jidhru fl-istess rapport. L-istess, pero', ma jistghax jinghad fuq il-hwejjeg tal-marka 'Diesel', minhabba li dan l-ezami ma setghax isir fizikament.

Wara li l-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda ta' Alfred Spiteri, din il-Qorti ma tista' takkordalha ebda kredibbilta' il-ghaliex mhux biss hija mzewqa b'inkonsistenzi gravi (fl-istqarrija tieghu, l-imputat, isostni li huwa kien xtara hwejjeg tad-ditta minghand Marcelina Vella, biss, f'okkazjoni wahda, kif jidher mill-*invoices* JC2 u JC3) izda fix-xhieda tieghu, quddiem din il-Qorti, l-imputat jasserixxi kompletament l-oppost u jghid illi ma kinitx l-ewwel darba li xtara hwejjeg tad-ditta minghand il-ko-imputata Vella. Rinfaccjat b'dak li kien qal fl-istqarrija, Alfred Spiteri jerga' jikkontradixxi lilu nniffsu u jghid illi kien xtara minghand Vella, darba wahda biss.

Apparti dana kolllu, l-imputat Alfred Spiteri, ipprova jipperswadi lil Qorti, li fuq l-'Ebay', huwa sab hwejjeg simili tad-ditta, li kienu bi prezz tajjeb hafna u simili ghall-prezz illi huwa kien xtrahom minghand Vella. Mistoqsi, specifikatament mill-Qorti, pero', huwa ammetta illi din kienet biss "the first bid" fuq l-'Ebay' u certament mhux il-"closing bid".

Ghal rigward ta' l-imputata Marcelina Vella, jirrizulta li hija ammettiet illi l-prezz tal-hwejjeg tad-ditta li hija xtrat minn Thailand, kien indikalha li dawn il-hwejjeg setghu ma kienux originali, izda ma ghamlet xejn aktar biex tindaga b'mod aktar profond.

Il-Qorti taghraf illi reati taht l-Artikolu 298(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, jitmexxew ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva ta' Malta, ma jirrikjedux kwereli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputati **Alfred Spiteri** u **Marcelina Vella** hatja skond l-akkuzi u wara li rat Artikoli 298(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputati bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar.

In oltre' tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hwejjeg tal-marka 'Adidas' u 'Nike', kontenuti fl-ezebit Dok.JC6.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-eta' matura ta' l-imputati, il-fatt illi huma *first offenders* u l-kwantita' minima ta' l-oggetti kontrafatti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------